5 ta' Settembru 2015
96/2015

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' ĦAL KIRKOP**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Valentino Borg bħala kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop.

Dun Valentino Borg twieled fid-29 ta' Diċembru 1954. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola ta' Raħal Ġdid, l-edukazzjoni sekondarja fis-Seminarju tal-Arċisqof, u kompla l-istudji terzjarji (Filosofija u Teoloġija) fil-Fakultà tat-Teoloġija, fis-Seminarju, Tal-Virtù.

Dun Valentino ġie ordnat saċerdot fid-11 ta' Lulju 1981. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien (1981-1995), bħala kappillan fil-parroċċi ta' Ħal Għargħur (1995-1998), l-Imġarr (1998-2003) u l-Imsida (2003-2006).

Dun Valentino ħadem ukoll bħala għalliem tar-reliġjon fis-Seminarju tal-Arċisqof u bħala *religious councellor* f'diversi skejjel tal-Istat. Serva bħala Delegat tal-Arċisqof fis-Segretarjat tal-Liturġija, Ċerimonjier Djoċesan, Segretarju Amministrattiv, Direttur Nazzjonali tal-Abbatini u Direttur tad-Djar tal-Anzjani.

Il-parroċċa ta' Ħal Kirkop tiġbor fiha madwar 2,200 persuna f'670 familja.